**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Mejju 2022**

**Rik Gur nru : 107/2018 fl-ismijiet:**

**PA**

**Vs**

**MA**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 2 ta' Mejju 2018 fejn espona bir-rispett u kkonferma bil-gurament tieghu illi :-**

1. Illi l-partijiet zzewgu fid- 9 ta' Jannar 1993, skont dak indikat fic-certifikat taz-zwieg li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok.A.

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt ulied, ossija W u D , ahwa A, li llum huma t-tnejn maggorenni.

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet, ma ghadhiex aktar possibbli, rizultat ta' eccessi, minacci, theddid, u ngurji gravi, kif ukoll sahansitra abbandun tal-obbligi matrimonjali imputabbli lill- intimata.

4. Illi minkejja li l-kontendenti partijiet ressqu ghall-process ta' medjazzjoni, u huma ma waslux ghal ftehim, ghaldaqstant, permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, quddiem l-Imhallef Robert G. Mangion, datat 7 ta' Marzu 2018, li jgib in-numru 523/2018, il-partijiet gew awtorizzati li jipprocedu bis-separazzjoni personali minn ma' xulxin, kopja ta' liema, qed tigi hawn annessa, mmarkata Dok.B.

5. Illi r-rikorrenti jikkontendi li l-partijiet akkwistaw id-dar matrimonjali bejniethom, li tinsab, 126 'Palmier', Triq Guza' D' Amato, Tarxien**.**

**Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment qed jitlob lil dina Onorabbli Qorti, sabiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, joghgobha :-**

1. Tiddikjara s-separazzoni personali bejn il-partijiet, u dan ghaliex il-hajja konjugali ta' bejniethom m'ghadhix aktar possibbli li minhabba adulterju imputabbli lill-konvenuta.

2. Tittermina, tillikwida, u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn il-partijiet skont il-Ligi.

3. Tordna li l-bejgh tad-dar matrimonjali, tal-partijiet, u r-rikavat minn dan it-tali bejgh jinqasam bejn il-kontendenti ugwalment.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li hija ingunta minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata tal-intimata, MA datata 12 ta' Gunju 2018 fejn tesponi bir-rispett u tahlef :-

1. Illi t-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet, jahti ghalih l-attur, li ddecieda li jghix hajja ta' guvni, abbanduna ghalhekk id-dar matrimonjali, u spicca jikkoabita ma' terza persuna. Ghal dan kollu, l-attur ma jhoss ebda rimors, tant li skont ir-rikors promutur, qed jissuggerixxi li hija l-esponenti li rrendiet il-hajja taz-zwieg taghhom, impossibbli per se ingurja gravi da parti tieghu.

2. Illi filwaqt li l-esponenti ghadha tghix fid-dar taz-zwieg, l-attur kif inghad abbanduna l-istess dar, biex ikun jista' jikkoltiva r-relazzjoni li ghandu, fir-rikors tieghu ghogbu jindika indirizz, li mhux fejn jirrisjedi.

3. Illi l-fond 126, 'Palmier', Triq Guze' D'amato, Tarxien, jigifieri d-dar taz-zwieg kien inkiseb mill-partijiet flimkien izda l-esponenti kienet avvanzat da parti taghha l-parti l-kbira tal-flus, biex seta' jinxtara dan il-fond.

4. Illi l-esponenti ma taqbilx li d-dar taz-zwieg tinbiegh kif mitlub mill-attur izda ssostni li ghandha tkun awtorizzata li tkompli tirrisjedi fid-dar, bl-eskluzjoni tal-attur.

5. Illi uliedi l-partijiet huma t-tnejn maggorenni.

**Il-Qorti,**

Rat il-Kontro-Talba imressqa min-naha tal-intimata, fejn tesponi bir-rispett :-

1. Illi l-hajja taz-zwieg bejnha u l-attur rikonvenzjonat, tfarrket irrimedjabilment . Zewg l-esponenti, abbanduna d-dar taz-zwieg, il-fond, Palmier, Triq Guze' D'amato, Tarxien, u qed jikkoabita ma' terza persuna.

2. Illi filwaqt li l-fond fuq imsemmi inkiseb miz-zewg partijiet, l-esponenti tavvanza l-parti l-kbira tal-flus ghax-xiri ta' dan il-fond, u huwa l-kaz li l-esponenti jkollha dritt li tkompli tirrisjedi fl-istess fond bl-eskluzjoni ta' zewgha.

3. Illi huwa l-kaz, ukoll li zewg esponenti, jigi ordnat ihallas manteniment xieraq, lill-esponenti, fid-dawl tac-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet.

Ighid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex m' ghandhiex dil-Qorti ghar-ragunijiet esponenti :-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unikament lir-ragel,

2. Tawtorizza lill-esponenti, sabiex tkompli tirrisjedi fil-fond, 126, 'Palmier', Triq Guze' Damato, Tarxien, bl-eskluzjoni tar-ragel.

3. Tordna lir-ragel ihallas lill-esponenti manteniment xieraq skont ic-cirkostanzi tal-partijiet.

**4.** Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida, tassenja lil kull parti s-sehem li jkun misthoqq.

**5.** Tapplika kontra r-ragel l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili, skont rizultanzi tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat, ingunt in subizzjoni .

**Il-Qorti,**

Rat ir-Risposta ghall-Kontro-Talba tar-rikonvenzjonanti MA datata 25 ta' Gunju 2018 fejn espona u bil-gurament tieghu kkonferma li :-

1. Illi l-esponenti jichad l-allegazzjonijiet premessi mir-rikonvenzjonanti hekk kif eccepixxiet fil-kontro-talba taghha u dan prevja dak li gie ddikjarat u mahluf mill-esponenti permezz tar-rikors promutur tieghu.

2. Illi l-esponenti jissottometti li hu ma telaqx mid-dar b' kapricc, izda ghamel hekk ghax kien kostrett li jitlaq, sabiex izomm il-kalma bejn il-partijiet, liema kalma ma kienetx ghadha aktar possibbli fid-dar taz-zwieg , dan peress li d-dizgwid bejn il-partijiet irrenda sitwazzjoni li ma kienx aktar possibli ghall-kontendenti li jibqghu jghixu flimkien, taht l-istess saqaf.

3. Illi b'referenza lejn l-allegazzjoni tar-rikonvenzjonanti, fejn allegat li kienet hi li vvanzat parti kbira mill-flus biex jinkiseb il-fond citat, l-esponenti jissottometti li l-flus ghal istess ghan gew zburzati miz-zewg kontendenti , b' mod ugwali stante li fiz-zmien rispettiv il-kontendenti kienu jahdmu t-tnejn li huma.

4. Illi b' referenza lejn it-talba tal-manteniment l-esponenti umilment jissottometti li r-rikonvenzjonanti tinsab tahdem u ddawwar salarju tajjeb, liema salarju ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, fic-cirkostanzi tal-kawza odjerna.

5. Illi l-esponenti jsostni li l-htija tat-tifrik taz-zwieg huwa imputabbli lill-konvenuta rikonvezjonanti, hekk kif gie eccepit fir-rikors promutur tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil Onorabbli Qorti , joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikonvenzjonanti , bl-ispejjez kontra taghha.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet damu sitt xhur gharajjes sakemm fl-1993 izzewwgu. L-attur ighid li minn dejjem ir-relazzjoni kellha problemi u dan minhabba li ma' missirijiethom ma kinux jingiebu u kienet tinholoq tensjoni bejniethom. Ighid li l-attrici kienet tiddependi hafna fuq dak li jghid missierha.

   Kienu ghamlu zmien twil sakemm kellhom lil uliedhom fejn kienu kwieti u r-relazzjoni bejniethom kienet kalma, sakemm missier il-konvneut rega' beda jindahal u avzah sabiex ma jkollhomx iktar tfal.

   Sabiex jevita li jkun hemm inkwiet kien ghamel operazzjoni ghand Dr. Moran sabiex ma jkollux iktar tfal. Wara dan l-incident, l-affarijiet bdew imorru ghall-aghar u l-konvenuta iktar ma bdietx tafdah. Kienet icempillu in kontinwazzjoni sabiex tara fejn qieghed.

Jispjega li kien hemm problemi peress li l-konvenuta ma kinitx tnaddaf u kienet tqatta' hafna hin fuq il-kompjuter, filwaqt li hu kien jahdem hafna u hi kienet indifferenti. Kien hawn li mar ikellem avukat sabiex jibda bil-proceduri ta' separazzjoni u kien mar ighix go garaxx.

Fl-2010 kien marad missieru bil-kancer u xi hmistax wara l-attrici kienet cemplitlu sabiex tinfurmah li kienet mardet bil-kancer ukoll, izda mbaghad irrizulta li kellha problema b'sidiriha u ma kienx kancer xejn u kienet biss sabet skuza sabiex imur lura d-dar. Ghamlu zmien tajjeb, imma malajr regghu bdew il-problemi.

Meta rritorna lura nqalghu problemi mat-tifel W u ried ikeccih mid-dar u ghal darb'ohra l-konvenuta zammet mat-tifel. Is-sitwazzjoni aggravat ruhha ghaliex il-konveuta gabet zewgt iqtates u bdew ihammgu iktar u ma felahx izjed, tant li waqa' f'depressjoni.

Minhabba fid-depressjoni kien iqatta' hafna hin il-garaxx jilghab bil-karozza li kienet id-delizzju tieghu. Kien ikollhom hafna argumenti ukoll fuq l-ikel. Imbaghad fl-2014 kien telaq mid-dar u mar ighix gewwa boathouse.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Bhala assi ghandhom id-dar matrimonjali fi Triq Guze' D'Amato, Tarxien, karozza Renault Megane, kif ukoll dghajsa zghira li xtraw xi sentejn ilu.

Minkejja li kien telaq mid-dar kien baqa' jhallas il-loan u anke jekk kien nefaq hafna flus li kien qala' mit-Tarzna, spicca jghix fil-boathouse, fejn

ihallas il-kera u mhux post dicentu u dehen ta' persuna. Illum m'ghandux indirizz fiss u qed ighix go karavan tat-tifel Wayne. Kien xtrah xi elfejn Euros cirka. In kontro-ezami jikkonferma li din il-boathouse kienet tappartjeni lil hu s-siehba tieghu RC u kien sellifulu. Ighid li meta telaq mid-dar mar ighix fiha mill-ewwel. Jikkonferma li kien sar jaf lil C l-ewwel u xi hames xhur wara li telaq mid-dar.

L-attur jikkonferma li kienu ffirmaw skrittura bejniethom fil-5 ta' April, 1992.[1]

L-attur jikkonferma li jahdem ma' Gudja Prayers Mclaren Garage Gudja. Ighid ukoll li kellu diversi vetturi peress li kien ipartat u ibiegh u kienu karozzi ta' *cheap money*. Jikkonferma li kienu diversi vetturi u ghalkemm ir-rapprezentant tat-Transport Malta kkonfermat li kellu 21 karozza, ighid li minnhom il-BMW's kienu tat-tfal.

Dwar il-karozza kwart ta' mil, ighid li meta telaq kien partatha u dan minghajr il-kunsens tal-mara. Jinsisti li ma kellhiex numri u kien xtraha ghal mitejn Euro, izda sabiex ipartatha ma kellux bzonn il-firma tal-mara. Kien partata ma' Fiesta, izda bdiet taghtih hafna problemi u spicca li kien partatha ma' Peugeot 407, imbaghad ma' Megane station Wagon.

L-atturipprezenta l-FS3's tieghu tas-snin bejn l-2013 u l-2016.[2]

Jikkonferma li fuq id-dar matrimonjali kienu hadu self u kien ghad fadal id-dejn fuqha. Jispjega li kien ghamel xi sitt snin ihallas, imbaghad kien waqaf. Il-bilanc meta waqaf kien ta' xi elf u mitejn Euros (€1, 200). Is-

[1] Dok. SK1
[2] Dok. PA 1

self kien ta' cirka €10, 000 u kienu uzaw ukoll €50, 000 li kien ha mid-Dockyard.

2. Il-konvenuta tichad li kienet dejjem tiehu l-pariri kif qed jissuggerixxi l-attur. Tispjega peress li t-tqala bl-ewwel wild W, kienu fil-periklu tal-mewt kemm hi kif ukoll it-tifel, Dr. Moran kien tah parir lill-attur sabiex jaghmel operazzjoni sabiex ma jkolhomx iktar tfal.

Itenni li l-attur qatt ma ghenha fit-trobbija tat-tifel u dejjem hadet hsieb kollox hi.

L-attur inbidel meta beda d-delizzju tal-karozzi tal-giri. Kien xtara wahda u sabiex ilahhaq bl-ispejjes peress li dan id-delizzju kien jiswa' hafna flus kien beda jahdem part-time u kien idum hafna. Kien anke ha loan biex ilahhaq b'dan id-delizzju. Kien anke jhobb jirranga l-karozzi u jbieghhom. Tghid li kien nefaq cirka €50, 000 fuq dina l-vettura u kien ghalhekk li kien jaghmel il-part time. Din il-karozza kienet ghandu bejn l-1996 sal-2014. L-ammont waslet ghalih wara li staqsiet lin-nies mhux ghax tifhem fil-karozza.

Sakemm kienet toqghod tistennieh kienet tghaddi il-hin fuq il-laptop. Kien bla hin u kemm il-darba kienet icempillu hi ghax ma kienx icempel.

Huwa minnu li kienet tnaddaf filghaxijet, u dejjem kien ikun hemm l-indafa mhux kif ighid l-attur.

Id-dar tghid li kienet thallset cash. Kienet inxtrat qabel iz-zwieg u kienet hallset parti sostanzjali taghha, Hi kellha post l-Imqabba li

kienet xtrat bi flusha u meta bieghetu kienu xtraw il-post ta' Rahal Gdid. Kienu ghamlu ftehim bejniethom fejn iddikjaraw il-flejjes li hargu qabel iz-zwieg.[3] Kien hemm ammont ta' flus li anke hareg missierha.

Tghid li minhabba l-hafna xoghol li nqabbad bih l-attur, kien spicca kellu hafna stress u inkwiet.

Meta t-tifel W kiber, l-attur kien beda johrog mieghu u hi kienet dejjem tispicca toqghod id-dar. Imma fl-istess waqt, ma riedx responsabbilita' tat-tfal u kienu marru ghand Dr. John Vassallo ghax ried separazzjoni.

Tghid li l-problemi li kellha f'sidirha ghadhom hemm.

Dwar il-boathouse tghid li din ma tintuzax ghad-dghajjes, izda kienet sabitilu l-gharusa tieghu, ghax kienet ta' huha u kien post abitabbli.

Tkompli tghid li f'Mejju, 2014 waqaf itiha manteniment u kull ma beda jitha kien €70 ghall-ikel ghall-familja kollha u spicca li kellha tbiegh id-deheb li kellha.

Tghid ukoll li meta telaq mid-dar kellu karozza Subaru li biegh minghajr il-kunsens taghha.

Il-konvenuta esebit l-FS3 taghha li juru li ghandha paga ta' cirka €666.[4]

---

[3] DOK. MA 1

[4] Anness mal-affidavit taghha

In kontro-ezami kkonfermat li l-attur kien qabel jahdem it-Tarzna u kien ircieva somma ta' cirka €50, 000 u tikkonferma li meta ha dina s-somma rrangaw il-post.

Tichad li kienu hadu loan sabiex jirrangaw l-ahhar ftit u tinsisti li l-unici loans li hadu kienu minhabba l-karozzi tal-attur.

3. Dr. Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li kien hemm diversi vetturi registrati f'isem l-attur.[5]

   Ikkonferma li l-vettura Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni EBT 128 kienet inxtrat mill-attur fit-12 ta' Dicembru, 2014 minghand Eros Galea.

4. EG kkonferma li kien sar tpartit ta' karozzi bejnu u l-attur. Kien parta ma' Ford Fiesta li kienet karozza tat-triq. Ighid li l-vetturi rispettivi kellhom valur bejn €3000 u €4, 000.

   Dwar l-Escort li akkwista minghand l-attur ighid li kienet zarmata minn gewwa. Is-seats kienu tal-incirata u llum ma jiswewx iktar minn €50. Minn gewwa kien hemm magna u gear box u l-gagga ta' gewwa. Kienet bla fanali u bla twieqi.

   Jikkonferma ukoll I kien jiehu sehem ukoll fit-tlielaq Hal Far , fejn kienu jsiru xi sitt darbiet f'sena. Kull darba kien jonfoq cirka bejn €300 u €400 fuq fuel u tyres li hafna drabi ikun hemm bzonn li jinbidlu.

---

[5] Dok. CS 1

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

Il-partijiet entrambi pprezentaw kawza ta' separazzjoni u lkoll jaghtu htija lil xulxin. Ghall-attur il-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, minacci, theddid u ngurji gravi u abbandun mill-obbligazzjonijjiet matrimonjali. Ghall-konvenuta dan iz-zwieg sfaxxa minhabba li l-attur abbandunahom ghall-mara ohra.

Mill-assjem tal-provi tal-attur jirrizulta li kien hemm indhil minn missier il-konvenuta u dan ikkreja problemi u tensjoni fiz-zwieg. Dan huwa nnegat mill-konvenuta, li tghid xi kultant kienet idur lejn missierha ghal xi parir, pero' xejn iktar minn hekk,

L-attur semma ukoll il-fatt li l-konvenuta kienet traskurata u ma kinitx tiehu hsieb li zzomm id-dar nadifa u minflok kienet tippreferi tqatta' l-hin taghha fuq il-laptop. Il-hmieg zdied meta l-konvenuta gabet zewgt iqtates u dan wassal ghall-iktar tensjoni bejniethom, tant li l-attur ighid li waqa' f'depressjoni u kien iqatta' hafna hin barra mid-dar u kien joqghod fil-garaxx li kellu jilghab bil-karozzi li kienu d-delizzju tieghu. Sa fl-ahhar iddecieda li jitlaq mid-dar matrimonjali.

Kien hemm problemi ukoll li kien ikollhom hafna dizgwid fuq it-tfal.

Ghall-konvenuta, kienet hi li rabbiet lit-tfal wahedha.Tghid li l-attur ma kienx ihalliha nieqsa mill-flus, izda kien assenti hafna. Inbidel ghal kollox meta beda d-delizzju tal-karozzi. Tghid li kien iffissa fil-karozzi

tal-kwart ta' mil u peress li dawn kienu jirrikedju hafna flus kien spicca ha loan u kien jahdem part-time ukoll.

Kien idum hafna l-garaxx, tant li kien ghalhekk li kienet tkun fuq il-kompjuter sabiex tibqa' mqajjma tistennieh.

Il-konvenuta tinsisti pero' li anke jekk l-attur kellu hafna stress u tensjoni minhabba li kien imhabbat bix-xoghol, dak li wasslu sabiex jitlaq kien meta beda relazzjoni ma' mara ohra.

Rigward l-abbandun, hemm verzjonijiet kontrastanti, ghaliex l-attur jinsisti li kien sar jaf lil RC xi hames xhur wara li telaq mid-dar, izda meta telaq mid-dar kien mar ighix go boathouse u jirrizulta li din kienet ta' huh din C u kien sellifilu. Ighid li kien sar jaf lil RCli qabel ma sar jaf lil huha. Il-konvenuta tinsisti li telaq ghaliex diga' kien f'relazzjoni maghha u l-fatti kif jirrizultaw jaghmlu l-verzjoni konvenuta iktar kredibbli.

Ir-rizultanzi processwali ma jindikawx li kien hemm xi atteggjamenti kostanti da parti tal-konvenuta li vvessaw lill-attur. Ma tantx kien konvincenti u fuq bazi ta' probabilita' dina l-Qorti jidhrilha li l-konvenuta m'ghandha ebda tort. Il-konvenuta kienet iktar konvincenti li l-attur kien iqatta' hafna hin barra mid-dar u kien prattikament abbanduna l-familja. Imbaghad f'xi zmien kien iltaqa' mal-konvenuta u kien telaq mid-dar u mar ighix f'boathouse li kienet tappartjeni lil hu RC.

Jigi rilevat ukoll li l-attur kien ilu li abbanduna d-dar konjugali ghal iktar minn sentejn. Kienx konvincenti li kellu raguni gustifikabbli ghalfejn telaq, dina l-Qorti thoss li n-nuqqas ta' ndafa u iktar hmieg li gabu l-

qtates mhumiex ragunijiet sufficjenti sabiex wiehed jitlaq u jabbanduna d-dar konjugali.

Ghaldqstant, jirrizulta li l-attur huwa hati tas-separazzjonji minnhabba li rrenda ruhu hati ta' abbandun fil-konfront tal-konvenuta u l-familja.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Il-konvenuta qed titlob manteniment minghand ir-ragel. Mill-provi migubura jirrizulta li llum il-konvenuta qed tahdem bhala cleaner u ghandha ntrojtu ta' cirka €700. [6]

L-attur ikkonferma li jahdem ma' Gudja Prayers Mclaren Garage Gudja u mill-FS'3 li esebixxa jirrizulta li ghandu paga ta' cirka €1, 100 fix-xahar.

Peress li l-konvenuta llum fil-mori tal-kawza bdiet tahdem, u ghandha ntrojtu mensili m'hemmx lok li l-attur ghandu jghaddilha manteniment giladarba kapaci tahdem u tkun self-sufficient, anke llum li uliedhom huma maggorenni.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-konsistenza tal-komunjoni hija minima. Hemm biss id-dar matrimonjali u l-bilanc tas-self ezistenti fuq l-istess dar. Hemm ukoll vettura Renault Megane u dghajsa zghira li nxtrat ftit qabel is-separazzjoni.

---

[6] Ara FS3 anness mal-affifadavit tal-attrici

**Dar Matrimonjali**

Id-dar matrimonjali nxtrat qabel iz-zwieg, izda l-partijiet kienu ffirmaw skrittura privata bejniethom fil-5 ta' April, 1992, fejn iddikjaraw il-flejjes li hargu rispettivament fuq l-istess dar. [7]

Skond l-istess skrittura jirrizulta li l-attur kien hareg Lm500, filwaqt li l-konvenuta kienet harget Lm1000 minn bejgh ta' proprjeta' li kellha l-konvenuta fl-Imqabba u l-bqija kien hareg il-flus missier il-konvenuta. Mill-provi ma jirrizultax kemm flus hareg missier il-konvenuta u lanqas ma ngabu provi ta' kemm kienet bieghhet il-post tal-Imqabba.

Hemm qbil ukoll li l-attur kien ha cirka €40, 000 meta telaq mit-Tarzna u dawn il-flus ntuzaw sabiex ikomplu jirrangaw id-dar. Ghad-fadal bilanc ukoll fuq l-istess fond, Mhux kontestat li l-attur ghamel xi zmien baqa' jhallas il-loan, izda mbaghad kien waqaf ghax ma setax ilahhaq.

Skond rapprezentant ta' Zanzi Homes jirrizulta li l-fond matrimonjali ghandu valur ta' €150, 000[8] u l-partijiet qablu li dan huwa *fair value* ghall-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ikun opportun li d-dar matrimonjali u cioe' 126, Palmier, Triq Guze' D'Amato, Tarxien ghandha tinbiegh ghall-valur ta' €150, 000, liema somma ghandha tigi riveduta jekk kemm il-darba d-dar ma tinbieghx fi zmien sena. Mir-rikavat ghandu l-ewwel

[7] Dok. SK1
[8] Dok. PA 3

jithallas il-loan pendenti, minkejja li ma ngabux provi tal-bilanc ezistenti fuq l-istess.

Imbaghad, kull parti ghandha tithallas is-sehem taghha li nhareg qabel iz-zwieg u cioe' Lm 500 tal-attur u Lm1000 tal-konvenuta rispettivament.

In kwantu jirrigwarda l-hlasijiet tal-loan li ghamel l-attur, kif ukoll l-il-€50, 000 li ha mit-Tarzna dawn m'ghandhomx jizdiedu ma' sehemu tenut kont li huwa responsabbli tat-tifrik taz-zwieg.

**Dghajjes u Vetturi**

Hemm provi li l-unika vettura li hemm hija Renault Megaene b'numru ta' registrazzjoni JBX 235 u din qiedgha ghand l-attur. Jirrizulta li meta telaq kellu l-karozza tal-mil li biha kien itellaq u kien partataha ma' Fiesta, izda peress li kellu problemi kien rega' partataha u fl-ahhar spicca b'Renault.

Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien nefaq xi €50, 000 biex irranga l-karozza tal-kwart ta' mil, pero' meta tela' jixhed Eros Galea li kien partat il-Fiesta mal-karozza tat-tlielaq kien stqarr li l-vettura ma kinitx tiswa' iktar minn €3, 000 /€4, 000, u l-istess kien il-valur tal-Fiesta ghax kien sar tpartit biss u ma kienux gew trasferiti flus.

In konsiderazzjoni ta' dan ghalhekk, minkejja li ma ngabux provi fuq il-valur tal-vettura Renault Megane, dina l-Qorti ser tikkunsidra li l-valur taghha hija ekwivalenti ghal dik tal-Fiesta cioe' cirka €3, 500.

Dina l-vettura ghandha tinzamm mill-attur u ghandu jghaddi lill-konvenuta nofs il-valur taghha, liema ammont jista' jitnaqqas mill-prezz tal-bejgh,

Dwar id-dghajsa ma ngabux provi u ghalhekk dina l-Qorti ma tistax taghmel evaluwazzjoni sew, izda jekk verament tezisti, l-attur jista' jzomm l-istess dghajsa u wara li ssir valutazzjoni minn espert marittimu, il-konvenuta ghandha tinghata sehemha mill-istess.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte u filwaqt li tawtorizza s-separazzjoni tati l-htija lill-attur minhabba abbandun.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti skond kif imfisser iktar 'l fuq.

3. Tilqa' t-tielet talba in parte u skond kif imfisser iktar 'l fuq fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni.

**Kontro-Talba**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba.

2. Tichad it-tieni kontro-talba u taghti d-dritt tal-konvenuta li tibqa' tirrisjedi fil-fond in kwistjoni sakemm id-dar tinbiegh.

3. Tichad it-tielet kontro-talba ghar-ragunijiet suesposti.

4. Tilqa' r-raba' kontro-talba u tassenja u tillikwida l-assi skond kif fuq imfisser.

5. Tilqa' l-hames kontro-talba.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati nterament mill-attur.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**